**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 253/2019**

**Il-Pulizija**

**Spettur (Clayton Camilleri)**

**Vs**

**Nico Spalding**

Illum 06 ta' Jannar 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Nico Spalding detentur tal-karta tal-Identita Maltija bin-numru 380798M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-22 ta' Diċembru 2016 għall-ħabta tas-7.30 hrs ġewwa l-fond 'Liliana Appts', Blk B, Triq Ġulju, San Pawl il-Baħar:

1. Ħarab minn taħt il-kutodja ta' PS 914 I.Mifsud u PC 675 F.Grima, persuni nkarigati mill-kustodja tiegħu;

2. U aktar talli nġurja u/jew hedded lil PS 914 I.Mifsud, PC 902 K. Spiteri u PC 675 F. Grima, persuni nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kienu qegħdin jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz;
3. U aktar talli volontarjament qal kliem oxxen li jikkonsisti dagħa fil-pubbliku;

4. U aktar talli sar reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 u dan skont sentenzi mogtġija lili mill-Maġistrat Dr. Charmaine

Galea LL.D. fit-23 ta' Mejju 2016 u mill-Maġistrat Dr. J. Mifsud fis-7 ta' Novembru 2016;

5. U aktar talli kiser kundizzjoni ta' probation mogħija lilu mill-Maġistrat Dr. D. Clarke LL.D. fl-24 ta' Ġunju 2015 ai termini tal-Kap 446 sec 7(7).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-24 ta' Settembru, 2019 li wara li rat l-Artikolu 49, 95, 151, 342 tal-Kodiċi Kriminali ddikjarat lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha, pero' mhux bħala reċidiv ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali, u ai termini tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta poġġietu taħt Ordni ta' Probation għal żmien sentejn (2) u wkoll kkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' tmien mitt ewro (€800).

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lil ħati u x'jiġri jekk huwa ma joqgħodx għall-kundizzjonijiet tal-Ordni tal-Probation jew jekk jikkommetti reat ieħor fi żmien sentejn (2) mil-lum.

Rat ir-rikors tal-appellant Nico Spalding, ppreżentat fis-7 t'Ottubru, 2019, fejn talab lil din l-Qorti tilqa' dan l-appell billi tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull ħtija u piena.

Rat l-aggravji imressqa mill-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.
Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellant ma huwiex qieghed jikkontesta l-fattispecje tal-kaz u dan meta huwa ipprova jahrab mir-residenza tieghu filwaqt li l-pulizja, muniti b'mandat ta' arrest, kienu ser jipprocedu ghall-arrest tieghu, wara li l-appell intavolat mill-appellant gie iddikjarat dezert u s-sentenza ta' prigunerija moghtija mill-Ewwel Qorti ghalhekk giet reza ezegwibbli. Illi hekk kif il-pulizija marru jigru wara l-appellant dan uza kliem dispreggjativ fil-konfront

taghhom meta dawn ippruvaw irazznuh u anke qal xi kliem ta' theddid. L-ilment tal-appellant dirett lejn is-sentenza appellata huwa aktar wiehed ta' natura legali meta jikkontendi illi ma jirrizultawx l-elementi mehtiega sabiex jissussisti r-reat mahsub fl-artikolu 151 tal-Kodici Kriminali u wkoll illi d-diskors minnu imlissen fil-konfront tal-pulizija ma seta' qatt iwassal sabiex tirrizulta l-htija taht l-artikolu 95. Għal dak li jirrigwarda t-tielet imputazzjoni l-appellant ma jressaq ebda aggravju fir-rikors tal-appell bħalma lanqas ma jqajjem aggravji għal dak li jirrigwarda l-aħħar żewġ imputazzjonijiet, li madanakollu huma konsegwenzjali għas-sejbien ta' ħtija ghall-ewwel tlett imputazzjonijiet.

Illi l-Qorti ezaminat mill-gdid l-atti tal-kawza u l-provi hemmhekk migjuba mill-prosekuzzjoni minn fejn jemergi illi nhar it-22 ta' Diċembru 2016 għall-ħabta tas-7:30am il-pulizija accedew ġewwa Liliana Apartments, Block B Flat 2B, Triq Gulju, San Pawl Il-Baħar sabiex jeżegwixxu mandat t'arrest maħruġ kontra l-appellant u dan wara illi l-appell minnu ntavolat bin-numru 354/15 ġie ddikjarat deżert u konsegwentement is-sentenza appellata ta' sitt ġimgħat priġunerija giet fis-sehh. X'ħin il-pulizija wasslu fuq il-post l-appellant kien għadu rieqed. Hemmhekk sabu lil ommu u lil oħtu wkoll u wara li spjegawlu li kien arrestat u li kien ser jiġi skortat il-ħabs, hu talab sabiex jingħata ċans biex juża l-kamra tal-banju u jiġbor xi ftit ħwejjeġ. Fil-fatt il-pulizija awtoriżżawh jaghmel dan u baqgħu jistennewh fil-kċina dejjem fil-preżenza tal-qraba tiegħu. F'daqqa waħda l-appellant ħareġ jiġri mill-kamra tal-banju u ħarab mill-appartament. Il-pulizija telqu jiġru warajh u fil-fatt qabduh ftit tal-ħin wara. L-appellant tfixkel waqt li kien qed jiġri u waqa' tant illi waqa' fuqu wkoll PS914 li tfixkel fih. L-appellant offra reżistenza iżda ġie mrażżan minnufih u nfexx jhedded lill-pulizija li kien ser isibhom meta' jinżgħu l-uniformi u għajjarhom ukoll bil-kelma 'pufti', apparti kliem ta' dagħa w insulti oħra. Hu baqa' għaddej b'dan l-atteggjament anki filwaqt li kien qiegħed gewwa l-għassa fejn baqa' wkoll jisfidhom għall-ġlied.

**Ikkunsidrat:**

L-appellant jargumenta illi mill-fattispecje tal-kaz ma jirrizultax r-reat mahsub fl-artikolu 151 tal-Kodiċi Kriminali billi fil-hin li ppreceda l-arrest tieghu huwa ma kellux jitqies bhala "prigunier" skont id-definizzjoni imfassla f'din id-disposizzjoni tal-ligi. Illi fl-appell minnu ntentat l-appellant jaghmel referenza ghat-taghlim gurisprudenzjali imfassal fis-sentenza Il-Pulizija vs Leon Borg[1] fejn il-Qorti ezaminat *funditus* l-interpretazzjoni ta' din id-disposizzjoni meta intqal:

> **"2. L-artikolu 151 tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi "Kull ikkundannat u kull prigunier iehor li jinsab hati ta' harba semplici mill-habs jew mill-kustodja tal-persuna jew tal-persuni nkarigati mill-kustodja tieghu, jehel il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux inqas minn sitt xhur izda mhux izjed minn sena".**
>
> **Skond il-proviso ta' dan l-artikolu "prigunier" tfisser "kull persuna li tkun mizmuma f'habs u tinkludi prigunier filwaqt li jkun qed jingarr ghal jew minn habs ghal iehor jew filwaqt li jkun qieghed taht kura jew osservazzjoni f'xi sptar. L-artikolu 152, imbaghad jipprovdi ghall-piena akbar jekk il-harba ssir bi vjolenza fuq xi persuna jew bi ksur tal-postijiet fuq imsemmija. Il-fatti tal-kaz in dizamina, almenu sa dan il-punt, ma jirrafigurawx ir-reat ipotizzat fl-artikolu 151 u dan ghaliex l-appellant la kien "persuna ikkundannata" u anqas "prigunier" fil-mument tal-harba u inoltre, l-ghassa ta' Birkirkara ma tikwalifikax bhala habs jew post ta' kura;**
>
> **3. L-artikolu 160, izda, jipprovdi li "Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 151 sal-159 inkluzivament ighoddu fil-kaz ta' harba ta' persuni, mizmumin skond il-ligi, minn lok mahtur ghall-kustodja taghhom". L-ewwel Qorti applikat dan l-artikolu sabiex b'hekk sabet lill-appellant hati taht l-artikolu 151 izda l-appellant ma jaqbilx ma' dan ghaliex fin-nuqqas ta' tifsir tal-kliem "lok mahtur ghall-kustodja" ghandha ssir referenza ghall-Legislazzjoni Sussidjarja 9.08. L-Avviz Legali 437 tal-2003 (LS 9.09) jiddenomina s-segwenti postijiet bhala postijiet ta' detenzzjoni ghall-ghanijiet tal-Kodici Kriminali: Il-lock-up fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija fil-Floriana; il-lock-up fil-bini fejn jinsabu l-Qrati tal-Gustizzja fil-Belt Valletta; u il-lock-up fil-bini fejn tinsab it-taqsima amministrattiva tal-Pulizija, Victoria, Ghawdex. L-**

[1] Deċiża App.Inf. 1 ta' Frar 2018.

**ghassa ta' Birkirkara mhix wahda mill-postijiet msemmija fl-Avviz Legali appena citat;**

**4. Issa, l-artikolu 151 kien l-ahhar emendat fl-1999 b'sostituzzjoni tal-artikolu precedenti. L-artikolu 160 baqa' mhux mibdul kif introdott fl-1903. Dan ifisser illi l-legislatur ma rraviza ebda htiega ta' tibdil fl-artikolu 151 biex fih jinkludi persuni suspettati ta' kommissjoni ta' reat, mhux mizmuma f'habs, li jaharbu minn ghassa tal-Pulizija jew mill-kustodja ta' persuna nkarigata mill-kustodja taghhom.**

**Il-Professur Sir Anthony Mamo, Notes on Criminal Law – revised Edition 1954 – 1955 a fol 113, meta jiccita lil Roberti u lill-Carrara jghid hekk: "Our law is fully in accordance with this doctrine. It does not visit with any punishment the simple escape from places of confinement of persons who are under arrest or in custody but not yet condemned by a sentence of a competent court. [din tal-ahhar mhix strettament konformi mal-artikolu 151]. This clearly emerges from sec. 149 Criminal Code which deals with the crime of simple escape and limits it only to "any person under sentence". (v. Rex vs Mercieca 25/4/1924; "Law Reports Vol XXV Part IV p. 8671; Criminal Appeal: "Police vs Sacco 28/12/1942)".**

**Ikkunsidrat:**

Illi applikat dan l-insenjament u l-ligi ghal kaz in dizamina ghandu jirrizulta illi l-appellant, fil-mument li l-pulizija kienu qed jipprocedu ghall-arrest tieghu ma kienx jaqa' taht id-definizzjoni tat-terminu "prigunier", izda kellu jitqies bhala persuna kkundannata b'sentenza definittiva liema kundanna kellu jibda' jiskonta minnufih. Dan ghaliex s-sospensjoni ta' dik il-piena ġiet mitmuma fil-mument illi l-appell tieghu gie ddikjarat dezert u allura l-pulizija kienu ser jeskortawh mir-residenza tieghu ghal-habs fejn hemmhekk kellu jibda jiskonta l-piena imposta fuqu ta' sitt ġimgħat prigunerija.

Issa ghalkemm l-pulizija inkarigati b'dan l-arrest kienu wkoll inkarigati biż-żamma tal-appellant u allura l-kustodja tiegħu fil-mument tal-arrest tiegħu kif ukoll tul triqtu lejn il-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin fejn kellu jibda jiskonta l-piena n kwistjoni, madanakollu l-artikolu 160 jaghmilha cara illi

sabiex jissussisti r-reat, l-harba tal-awtur tar-reat trid necessarjment issehh minn lok mahtur ghal kustodja tieghu. Illi certament il-post tar-residenza tal-appellant ma kienx dak il-post mahtur ghal kustodja tieghu, u allura ghalkemm huwa minnu li l-appellant intenta jahrab mill-kustodja tal-pulizija li kienu ser jipprocedu ghall-arrest u zamma tieghu bil-ghan li jittiehed lejn dak il-post ta' kustodja appuntat ghalih, madanakollu fil-mument tal-harba huwa kien ghadu ma kienx f'dan il-lok ta' kustodja li ghalih jaghmel referenza l-artikolu 151.

Illi kif tajjeb qalet din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta fil-kaz ta' Leon Borg, hawn fuq iccitat, ghalkemm il-legislatur issostitwixxa l-artikolu 151 permezz ta'l-Att VII tal-1999, madanakollu ma hasibx ukoll biex jaghmel it-tibdil mehtieg fl-artikolu 160 biex b'hekk allura il-parametri li fihom isib applikazzjoni l-artikolu 151 huma limitati u cirkoskritti minn dak imfassal fl-imsemmi artikolu 160. Fil-fatt l-artikolu 151, qabel l-introduzzjoni tal-emenda, kien jirreferi ghal harba semplici ta' persuna issentenzjata, bl-artikolu 152, imbaghad jirreferi ghal harba ta' persuna minn lok mahtur ghal kustodja tieghu meta din issir bi vjolenza, bil-ligi allura qabel l-introduzzjoni tal-emenda fl-1999 ma kenitx tinkludi dawk il-persuni mizmuma taht kustodja, imma mhux issentenzjati, bl-artikolu 153 li gie emendat imbaghad fl-1971 u l-1981 jikkontempla ghall-ewwel darba dik il-persuna mizmuma taht arrest ukoll.

Dan maghdud, madanakollu gjaldarba l-legislatur emenda l-ligi f'bicciet u mhux b'mod holistiku, dan wassal sabiex l-parametri li fih isib applikazzjoni l-artikolu 151, u l-artikoli l-ohra li jsegwu, huma limitati kif imfassal fl-artikolu 160 u cioe' ghal dik il-harba li issehh unikament minn dak il-lok mahtur ghal kustodja ta' dik il-persuna. F'dan il-kaz ir-residenza ta'l-appellant certament ma jistax jitqies bhala dak il-lok u kwindi l-Ewwel Qorti erronjament sabet htija taht din id-disposizzjoni tal-ligi. Illi wasal iz-zmien sabiex il-legislatur jahseb sabiex dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi jimxu id f'id, bit-tibdil ghandu jsir ghall-artikolu 160 sabiex jirrifletti r-*ratio legis*

wara dan is-Sub-titolu tal-Kodici Kriminali li jitkellem "Fuq il-vjolazzjoni ta' postijiet ta' kustodja pubblika, fuq il-harba ta' arrestati jew suspetti jew ikkundannati u fuq habi ta' hatjin."

Illi għal dak li jirrigwarda t-tieni mputazzjoni imfassla taht l-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali ghandu jinghad illi d-diċitura ta' din id-disposizzjoni tkopri xenarji differenti li huma wkoll alternattivi għal xulxin fis-sens illi huwa biżżejjed li tinġieb prova ta' inġurja, theddida **jew** offiża fil-konfront ta' persuna li tkun inkarigata minn servizz pubbliku filwaqt li hu/hi jkun/tkun qed teżegwixxi l-istess u dan bit-tir li jinfluwixxi fuqu jew ifixklu fl-eżekuzzjoni tal-qadi tiegħu. L-appellant jhedded u jingurja lill-ufficjali tal-pulizija li kienu qed jezegwixxi l-arrest tieghu. Jheddidhom illi li kien ser 'isibhom barra' meta jkunu mingħajr uniformi u dan fil-mument illi dawn l-ufficjali tal-pulizija kienu qed jaqdu dmirhom. Jingurjhom, imbaghad, bil-kelma "pufti" illi l-appellant jikkontendi hija kelma li llum il-ġurnata tirreferi għall-omossesswalita' illi hija orientazzjoni sesswali aċċetata fis-soċjeta' tagħna u ghalhekk ma ghandhiex tigi nterpretata bhala xi insult.

Illi l-Qorti ma tistax taqbel ma' din il-linja difenzjonali u dan ghaliex fil-mument illi l-appellant lissen din il-kelma fil-konfront tal-ufficjali tal-pulizija huwa kien qed jaghmel dan b'sens dispreggjativ u ta' dizrispett. Jirriżulta wkoll mill-provi illi l-appellant ma ddeżistiex milli jkompli jagħmel ċertu rimarki kif ukoll li jkompli jinsulenta lill-pulizija filwaqt li dawn kienu qed jadqu dmirhom, diskors li allura jkompli jikkonferma l-*animus injuriandi* f'dan il-mument biex b'hekk tirrizulta r-reita' taħt l-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali. Fl-istess mod, jirriżulta ċar mill-affidavit tal-pulizija kollha involuti fl-arrest tal-appellant illi huwa uża kliem oxxen konsistenti f'dagħa f'post pubbliku biex b'hekk anki l-ħtija ghar-reat kontravvenzjonali mahsub fl-artikolu 338(bb) u 342 tal-Kodici Kriminali tirrizulta.

**Ikkunsidrat:**

Illi jifdal biss l-aħħar gravam sottopost ghal gudizzju tal-Qorti li jikkonċerna l-piena mposta fuq l-appellant li fil-fehma tieghu kienet eccessiva billi ma kellhiex tigi imposta il-multa oltre l-ordni ta' probation. Illi ghalkemm l-appellant ser jigi lliberat mill-ewwel imputazzjoni, madanakollu l-piena mahsuba ghar-reat imfassal fl-artikolu 95 hija dik tal-piena ghall-ingurji, theddid jew tal-offiza, mizjuda b'zewg gradi u tal-multa bil-minimu tkun dik ta' €800 biex b'hekk il-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija wahda fil-parametri u ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li ma ghandhiex tigi varjata. Dan iktar u iktar meta l-Ewwel Qorti imponiet piena fil-komunita' minflok prigunerija effettiva.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell in parte, tghaddi ghalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata, tikkonfermaha fejn l-appellant gie misjub hati mit-tieni sal-hames imputazzjonijiet u fejn gie misjub hati tal-addebitu tar-recidiva unikament taht l-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali, izda tirrevokaha fejn gie misjub hati tal-ewwel imputazzjoni u ghalhekk tghaddi biex tilliberah mill-istess. Tikkonferma madanakollu l-piena erogata mill-Ewwel Qorti u cioe' dik fejn l-appellant gie imqieghed taht Ordni ta' Probation ghal zmien sentejn, li ghandhom jibdew jiddekorru mil-lum, u fejn kkundannatu ghal hlas ta' multa ta' €800.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur